**Il-50 Anniversarju tal-Ġnus Magħquda**




Fl-1995, il-Bank Ċentrali ta' Malta, bi sħab mar-Royal Mint, ħareġ munita *Proof* tal-fidda biex jiċċelebra għeluq il-50 sena mit-twaqqif tal-Ġnus Magħquda. L-irġejjen tal-munita juri l-Prim Ministru ta' dari ta' Malta, Dr Ġorġ Borg Olivier, jieħu b'id is-segretarju ta' dari tal-Ġnus Magħquda, is-Sur U Thant fl-okkażjoni ta' meta Malta kienet iddaħħlet bħala l-114-il membru fl-1 ta' Diċembru 1964. Il-motto, li jidher fuq il-munita bil-Malti, hu "Fl-Għaqda l-Paċi". L-irġejjen juri l-arma tar-Repubblika ta' Malta. Din il-munita kienet inħadmet fir-*Royal Mint* f'sura *Proof* u kienet valuta legali għal Lm5 f'Malta sal-31 ta' Jannar 2008.

| **Tip** | **Denominazzjoni** | **Diametru (mm)** | **Użin Gross (g)** | **Titlu** | **Titolu massimu ta' muniti li jistgħu jinħadmu** |
|---|---|---|---|---|---|
| Fidda "Proof" | Lm5 | 38.61 | 28.28 | 0.925 | 125,000 |